

Sensiela Mro. Angelo Pullicino (1904-79)

# Il-Marċi Grotteski – L-ewwel parti

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Isem Mro. Angelo Pullicino huwa sinonimu ma' San Ġiljan peress li kien hu li waqqaf l-ewwel banda f'dan is-subborg marittimu. Għadu tfal, huwa studja l-ewfonju[1] għand Mro. Vincenzo Costa. Xi żmien wara li l-familja tiegħu telqet minn Birkirkara u marret toqgħod San Ġiljan, Dun Pawl Galea, qassis Naduri, kien sejjaħ liż-żagħżugħ Anġlu - kif komunement kienu jsejħulu sħabu l-Ġiljaniżi - biex jifforma banda ġdida fl-1926. Sadattant, huwa kompla jistudja l-armonija għand Mro.Ġużeppi Abdilla, u minn hemm 'il quddiem qatt ma ħares lura tant li, mill-pinna tiegħu ħarġu ruxxmata marċi ta' kull tip. F'din l-ewwel minn żewġ partijiet ta' dan l-istudju li jitratta l-marċi grotteski ta' dan il-kompożitur Ġiljaniż ser inkun qed nitkellem fuq sett ta' erba' marċi grotteski minn tiegħu.

Kliem muftieħ: Mro. Angelo Pullicino, Karnival Malti, Marċ grottesk, Marċ karnivalesk, Marċ tal-karnival, Banda San Ġiljan, Soċjetà Karmelitana u l-Banda Queen Victoria Żurrieq.

XOGĦLIJIET: Forsi ħafna dilettanti tal-marċi Maltin jaħsbu li s-Surmast Angelo Pullicino kiteb biss marċi brijużi[2]. Huwa minnu li minn dawn kiteb għexieren sħaħ li tista' tgħid huma kollha sbieħ u tal-widna. Iżda Pullicino ma kitibx biss marċi brijużi, kiteb ukoll: (a) marċi sinfoniċi[3] bħal mhuma ***Idilio D'Amore***, ***Onde D'Argento*** (jew **Independence Day**); (b) marċi funebri[4] bħalma huma ***Piangi e Prega*** u ***L'Orfano Piangente*** (jew ***Gerusalem***); (ċ) innijiet popolari fosthom, lil **San Ġiljan** (għall-*Każin Banda San Ġiljan* ta' San Ġiljan), **San Duminku** (għall-Banda Ċittadina *King's Own* tal-Belt Valletta), **San Girgor il-Kbir** (għas-*Soċjetà Mużikali San Girgor* ta' Tas-Sliema), u **Sant' Antnin ta' Padwa**[5]; (d) innijiet tal-banda fosthom, ta' San Ġiljan u ta' San Bartilmew, tal-Għargħur; (e) u innijiet f'forma ta' marċ[6] fosthom, **Tifħir lil San Ġiljan** u **Viva l-Ġiljaniżi** (għall-*Każin Banda San Ġiljan* ta' San Ġiljan), **Reġina tal-Karmelu** (għall-*Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria* taż-Żurrieq), **Madonna tad-Duttrina** (għall-*Għaqda Mużikali Maria Annunzjata* ta' Ħal Tarxien), **San Koronatu** (għas-*Soċjetà Filarmonika Mnarja* tan-Nadur, Għawdex), **Maria Victoria,** jew kif inhu magħruf aħjar, **Victory**[7] (għas-*Soċjetà Filarmonika Victory* tax-Xagħra, Għawdex), kif ukoll **Balluta** għall-*Balluta Waterpolo Club*, u **Victory Parade**[8] (jew **Bandiera Belġjana**) għall-istess banda Ġiljaniża.

---

[1] Strument tad-daqq f'għamla ta' tromba tar-ram b'leħen baxx u li għandu mill-vuċi ta' Tenur.

[2] **Marċ brijuż** huwa dak li jindaqq fil-ħafna marċijiet li jsiru fit-toroq tal-belt jew raħal waqt festi titulari u oħrajn, u allura huwa l-aktar kotran. (**Il-mużika ta' Malta fis-seklu 19 u 20** - Kullana Kulturali 19 – Joseph Vella Bondin).

[3] **Marċ sinfoniku** jinvolvi xi kambjament fit-temp bħal *rallettandi* u armonija ftit jew wisq komplikata u allura naturalment jindaqq fuq planċier taħt id-direzzjoni tas-surmast. (*Idem*)

[4] **Marċ funebri** ġeneralment jinkiteb fi kjavi minuri u jkollu temp aktar meqjus, u kif ismu stess juri, jindaqq minn banda waqt li tkun tikkumpanja xi funeral jew il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. (*Idem*)

[5] Il-festa liturġika ta' Sant' Antnin ta' Padwa - Protettur taċ-Ċirkolu tal-Ġuvintur tal-Azzjoni Kattolika ta' San Ġiljan - kienet tiġi ċċelebrata nhar it-13 ta' Ġunju, fejn kienet issir purċissjoni bl-istatwa tal-Qaddis u jinħaraq ukoll xi nar.

[6] **L-innu marċ** miktub għal kor u banda, li bażikament hu innu di glorja qasir (imma) fir-ritmu ta' marċ, jidher li beda voga tant li issa ħafna baned għandhom marċ bħalu. Għaldaqstant, huwa mportanti wkoll li tiddistingwi bejn sempliċi innu u innu marċ, fejn ta' l-ewwel ikun strofiku u x'aktarx miktub għalbiex jindaqq fil-knejjes, filwaqt li tal-aħħar huwa ntiż biex jindaqq minn banda fuq planċier. Madankollu, innu seta' oriġinarjament inkiteb biex jindaqq fil-knejjes u mbagħad l-istess innu spiċċa biex jindaqq ukoll mill-banda ta' dik il-belt jew raħal. (*Idem*)

[7] Dan l-innu-marċ bla kliem mhux għajr il-marċ brijuż li jġib l-isem ta' *Good Luck Catherine.*

[8] Il-versi ta' dan il-marċ huma tal-Kan. Carmelo Calleja (tw. 1927). Il-kanzunetta, li kien jisimha 'Il-Flissjoni', kienet inkitbet fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet grandjużi li kienu saru fit-8 ta' Mejju 1945, jum is-*Cessation of Hostilities* u tmiem il-gwerra dinjija bl-*unconditional surrender* tal-Ġappuniżi.

F'vena kemmxejn differenti mid-dinja tal-marċi insibu wkoll marċi Venezjani[9], mużika ballabbli fosthom, it-Tango ***Imilda***, u l-**Innu Kbir lil San Ġiljan**, li tiegħu sfortunatament jidher li jeżistu biss l-introduzzjoni strumentali bħala overtura qsajra u trufijiet oħra minn xi arja, dwett, interludju, jew passaġġ ieħor strumentali, liema xogħol imma, għal xi raġuni jew oħra, jidher li l-kompożitur, jew ma riedx ikompli jaħdem fuqu, jonkella sempliċiment ma laħaqx temmu. Hemm ukoll tiegħu t-***Tlitt innijiet bil-kant lil San Ġiljanu***[10] li jiddeskrivu waqtiet importanti mill-ħajja tal-qaddis: (i) it-tħabbira taċ-ċerf lil Ġiljan, (ii) is-suldati jimmarċjaw ferħanin lura wara rebħ fuq l-għadu, u (iii) il-famuża talba tal-Qaddis lil Alla sabiex jinħafirlu d-delitt faħxi, li għax mgħawwi, kien wettaq f'saħna fuq il-ġenituri tiegħu. Hemm imbagħad ukoll **Il-Festa**, għanja maltija għal erba' vuċijiet misti, versi ta' Luċjan Pullicino, li titkanta fuq il-marċ **Santa Anastasia**, **Tfajla Sabiħa**, kanzunetta li kienet destinata għall-kanzunetta maltija għall-Ewropa u li jingħad li kellha titkanta minn Joe Grech, u aktarx ***Tamtum Ergo***, u ħjiel ieħor ta' mużika sagra li nkitbet meta Pullicino kien għamel xi żmien jidderieġi l-orkestrina waqt it-tridu tal-festa ta' San Ġiljan, fin-novena tal-Milied, jew f'xi okkażjonijiet oħra reliġjużi fil-knisja l-qadima ta' Lapsi.

ARRANĠAMENTI GĦALL-BANDA: Minbarra dax-xogħlijiet kollha tiegħu oriġinali li semmejna, u oħrajn li forsi għad iridu jaraw id-dawl u allura jiġu wkoll katalogati, Angelo Pullicino għamel ukoll arranġamenti għall-banda ta' xogħlijiet ta' kompożituri oħrajn, fosthom selezzjonijiet minn opri. Ix-xogħlijiet kollha msemmija għandhom partitura sħiħa u sittin parti, li mhix ċajta meta tqis li dak iż-żmien kollox kien isir letteralment bil-pinna u l-klamar għax il-magna tal-iffotokopjar lanqas biss kienet għadha bdiet teżisti! Fost l-arranġamenti nsibu dawn is-selezzjonijiet li ġejjin, li xi darba kienu jiffurmaw parti mil-arkivju tal-Każin Banda San Ġiljan: *La Traviata* (Verdi), *Lohengrin* (Wagner), *Pagliacci* (Leoncavallo), *Turandot* (Puccini), *Andrea Chenier* (Giordano), *Carmen* (Bizet), *Adriana Lecouvreur* (Cilea), *Il Trovatore* (Verdi), *La Forza del Destino* (Verdi), *Madama Butterfly* (Puccini), *L'Aida* (Verdi), *Rigoletto* (Verdi), *Un Ballo in Maschera* (Verdi), *Tannhauser* (Wagner), *La Boheme* (Puccini), *La Gazza Ladra* (Rossini), u *Othello* (Verdi). Skont Luċjan, Anglu Pullicino kellu b'kollox mal-25 selezzjoni.[11]




Ma' dil-lista diġà twila w impressjonanti rridu nżidu wkoll il-marċi grotteski (jew karnivaleski) li Anġlu Pullicino seta' kiteb fi żmenijiet differenti fil-karriera tiegħu bħala kompożitur. Nafu fi żgur li: 'Fil-bidu tal-karriera tiegħu, Anġlu kellu mas-sitt jew tmien mużiċisti f'idejh, fosthom kurunetta u trumbun, li kienu jiġu mistednin biex idoqqu fil-karnivalijiet f'diversi teatri, bħal ngħidu aħna l-Alhambra[12] fejn kienu jiġu organizzati l-balli tal-karnival.'[13] Huwa aktarx f'daż-żmien li das-sett ta' marċi grotteksi jafu l-bidu tagħhom. Iżda qabel ma nidħlu f'aktar dettal tajjeb li l-ewwel nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-istorja tal-karnival malti

[9] Sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, ir-raħal marittmu ta' San Ġiljan kien wieħed għall-villeġġatura, u fil-bajja tal-Balluta u/jew dik ta' Spinola kienu jiġu organizzati għadd ta' fieri mill-parroċċa, banda (dak iż-żmien waħda kien hemm) jew entità oħra bħala *fund-raising activities*. F'dawn l-attivitajiet kollha il-Banda San Ġiljan kienet tallegra lill-popolin billi ddoqq xi valzi u marċi oħrajn li f'dak iż-żmien kienu jkunu magħrufa bħala *Venezjani*.

[10] Dawn it-tlitt innijiet kienu nkitbu għad-dramm 'Il-Leġġenda ta' San Ġiljan', kitba u direzzjoni ta' Luċjan Pulliċino (tw. 1921) li kien ittella' mill-kumpanija teatrali *St. Julian's Dramatic Company*. Huwa kien għadda l-melodija tagħhom lill-awtur ta' dan l-artiklu billi kantahomlu mingħajr akkumpanjament fuq kasett. Dawn imbagħad tniżżlu fuq pentagramma u ngħatatilhom armonizzazzjoni kemm jista' jkun sempliċi u arranġament attraenti u aktar modern għall-banda. Dax-xogħol indaqq għall-ewwel darba mill-Banda San Ġiljan f'Kunċert fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan nhar il-Ħamis 26 ta' Jannar 2012 għall-okkażjoni tal-festa liturġika ta' San Ġiljan tax-Xitwa, liema Kunċert ta bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-85 sena mit-twaqqif ta' din l-ewwel Banda Ġiljaniża. Bħala rikonoxximent tal-ħbiberija dejjiema bejn iż-żewġ soċjetajiet mużikali, l-awtur ser ikun qed jirregala kopja ta' dawn it-tlitt innijiet lill-Għaqda Karmelitana Queen Victoria waqt il-Kunċert Annwali ta' dis-sena.

[11] Tagħrif meħud minn intervista li kienet saret lil Luciano Pullicino – fis-17.xiii.2002.

[12] Dat-teatru kbir kien inbena mis-Sur Alfred Axisa wara li kien daħal iċ-ċine f'Malta. L-istabbiliment kien mibni bi frejmijiet tal-azzar u pjanċi tal-ħadid. It-teatru kont tidħol għalih billi tgħaddi minn ġo mina taħt l-art li kienet tħaffret taħt is-*Sliema Amateurs Football Club*. Qabel tidħol ġot-teatru kien hemm bitħa żgħira b'żewġt iħwienet ta' *Zerrek Confectionary* u *Axisa Photo Studio*. It-teatru kellu bottegin kbir immexxi minn *Farsons Breweries*, palk kbir għall-ispettaklu dirett u liżar għaċ-ċinema. Il-platea kienet tesa' madwar mitejn ruħ, u ħamsin oħra fuq fil-galleriji. Kien inbena mill-ġdid wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Wara li kienu sarulu xi renovazzjonijiet l-Alhambra kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa swali taċ-ċinema f'Malta. Fis-70ijiet it-teatru kien jintuża wkoll għar-ràlijiet politiċi u laqgħat kbar. Kien waqt waħda minn dawn l-attivitajiet li l-gallerija ġarrbet ħsara kbira u t-teatru ġie kkundannat li hu perikoluż u għaldaqstant kellu jitwaqqa'.

[13] Minn waħda minn għadd ta' intervisti li kienu saru lil Luċjano Pullicino mill-awtur ta' dal-artiklu fid-29.xiii.2002.

u tagħrif ieħor etimolòloġiku[14] b'rabta miegħu.

IL-KARNIVAL MALTI: Il-Karnival hija festa tradizzjonali mimlija ferħ u ċajt li taf il-bidu tagħha sa minn żmien il-Kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Skont it-tradizzjoni, f'dawn it-tlitt ijiem ta' qabel ir-Randan kien leċitu li n-nies tilbes ħwejjeġ strambi u toħroġ ddur fit-toroq biex tiżżufjetta u tixxala, fejn l-għana u żfin folkloristiku ma kinux jonqsu.

Il-kelma Karnival fil-fatt hija gejja minn żewġ kelmiet, *carne* u *vale*, li bit-Taljan ifissru 'jiswa laħam', għax wara li jgħaddu t-tlitt ijiem ta' blugħa ma kienx ikun aktar permess li wieħed jiekol laħam matul l-erbgħin jum tar-Randan li fih wieħed kien ikun mistenni li jsum u jgħakkes ftit lilu nnifsu! U tant dil-festa tradizzjonali baqgħet magħna, li l-Karnival għadu jsir f'ħafna bliet u rħula kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, bħal ngħidu aħna fin-Nadur, fejn s'issa għadu jsir wieħed spontanju. Il-karnival fil-Belt Valletta jkun organizzat bil-karrijiet, maskri grotteski u ż-żfin b'kollox. Tajjeb li ngħidu hawnhekk, li meta ssemmi l-kelma maskri, f'moħħok jiġi mill-ewwel il-Granmastru Juan de Lascaris-Castellar għax kien hu li neħħa l-ballijiet, it-teatri, u l-użu tal-maskri fil-karnival tal-1638. Mhux ta' b'xejn għalhekk imbagħad, li twieldet il-kelma *laskri*, li skont il-miklem malti tfisser 'imqarras, ikreh, żorr, geddumi, jew ddisprat'! Issa, l-istess bħalma għandna maskri[15] grotteski, jew maskaruni[16], hekk ukoll il-kelma *grotteski* tista' toqgħod tajjeb għall-marċi, anki jekk dawn m'għandhom xejn *grottesk* fihom, jiġifieri li għandhom xiħaġa tal-għaġeb, fantastika, stramba, jonkella mostruża!



SEHEM IL-BANED FIL-KARNIVAL: Issa, meta wieħed jibda jqalleb fl-annali tal-istorja tal-baned isib li ħafna huma dawk li kienu, jew għadhom, jieħdu sehem fl-isfilata tal-Karnival fil-belt Valletta u/jew f'raħalhom stess. Tnejn minn dawn il-baned huma l-*Għaqda Mużikali Sant' Elena* ta' Birkirara u s-*Soċjetà Karmelitana Banda Queen Victoria* taż-Żurrieq, li magħhom, Angelo Pullicino kellu rabta mill-qrib.[17] Għal min ma jafx, huwa twieled Birkirkara u tgħallem għand is-surmastrijiet Vincenzo Costa u Giuseppe Abdilla. Huwa ħareġ idoqq l-ewfonju mal-banda tal-Bagri sa minn età żgħira, u aktar tard beda jagħti l-lezzjonijiet tal-banda lill-allievi ta' din l-istess Għaqda. (Fir-ritratt Angelo Pullicino jidher jippoża bl-ewfonju flimkien ma' bandist ieħor mhux magħruf bl-uniformi tal-banda Sant' Elena ta' B'Kara. Aktarx li r-ritratt ittieħed, jew meta Anġlu ħareġ idoqq mal-banda, jonkella fl-okkażjoni ta' meta saret l-uniformi. Fir-ritratt Anġlu jidher għadu daqsxejn ta' ġuvnott.)

l-*Għaqda Mużikali Sant' Elena* ta' B'Kara għandha storja twila f'dik li hija parteċipazzjoni fil-karnival ta' Malta fejn ħadet sehem f'mhux anqas minn tmien darbiet qabel it-Tieni Gwerra Dinjija bejn is-snin 1929 u 1939, u dejjem kisbet l-ewwel post. Fost it-titli li bihom ħadet sehem insibu *Wild West* (1929), *Black Cats* (1930), *Flowers and Vases* (1931), *Tat-Tamasi* (1933), *Bid-daqq tad-Dickie Ducks* (1934), *Cocks on Parade* (1936), *Xiħ tal-Ħanex* (1938), u *Matadors* (1939). Fis-snin ta' wara l-gwerra mbagħad, hija reġgħet bdiet tieħu sehem b'mod regolari bejn is-snin 1946 u 1957. Fost it-titli li bihom ipparteċipat, u li bihom tista' tgħid li dejjem kisbet l-ewwel post, huma: *That is the End* (1946), *The Beginning*[18](1947), *Evviva l-Karnival* (1948), *Pulċinelli* (1950), *Kannibali* (1951), *L-Għedewwa saru Ħbieb* (1952), *Għall-Wirja tal-Imnarja* (1953), *Circus goes to Town* (1955), *Cumbala Boy* (1956), u *King Carnival and his Band* (1957).

---

[14] Etimoloġija hija l-istudju u xjenza ta' kif jitnissel il-kliem u l-evoluzzjoni tiegħu minn ilsien għall-ieħor.

[15] **Maskra** hija għamad jew wiċċa b'wiċċ taċ-ċarruta/kartapesta b'toqob għall-għajnejn u l-fomm li jintlibes fil-karnival.

[16] **Maskarun** huwa xogħol grottesk magħmul b'teknika tradizzjonali tal-arti karnivaleska u li jikkonsisti f'ras kbira tal-kartapesta li tintlibes qisha maskra. Dawn il-maskaruni grotteski, li jikkonsistu f'individwi jew gruppi parteċipanti lebsin dawn il-forom tal-kartapesta, jiffurmaw parti mit-tradizzjoni qadima tal-karnival malti.

[17] B'referenza għar-rabta ta' ħbiberija bejn Angelo Pullicino u s-*Soċjetà Karmelitana Banda Queen Victoria* ara artiklu tal-istess awtur fis-Sensiela Mro. Angelo Pullicino bit-titlu ta' 'L-Innu Marċ Brijuż *Regina Dei Carmeli* (1959)' paġni 89-103.

[18] Dan kien it-titlu tal-Banda. Bħala Maskri mbagħad, kien jisimhom *Sophiplots* u bħala karru, *Ta' Rashom Sħuna*.

Mill-banda l-oħra, fil-ktieb tiegħu 'L-istorja tas-Soċjetà Karmelitana u l-Banda Queen Victoria – Żurrieq', l-awtur Alfred Camilleri jgħidilna hekk: ' Is-snin ħamsin jibqgħu mfakkra bħala snin li ġabu ħafna suċċessi lis-Soċjetà u l-Banda meta dawn kienu jieħdu sehem flimkien ma' karru trijonfali fl-isfilata tal-Karnival ġewwa l-Belt Valletta. F'dawn l-okkażjonijiet il-Banda Queen Victoria dejjem ħadet l-ewwel premjijiet u wara kienet ukoll, fl-aħħar ġurnata tal-Karnival, tferraħ lin-nies taż-Żurrieq b'marċ karnivalesk mat-toroq tar-raħal. Din ta' l-aħħar kienet tradizzjoni li mbagħad tkompliet tul is-snin sebgħin meta għal dan il-marċ ukoll kienu jittellgħu xi kumpaniji taż-żfin ħalli jkomplu jsebbħu l-ispettaklu.'

Nafu li l-Banda Żurriqija kienet pparteċipat erba' darbiet ġewwa l-belt Valletta bejn is-snin 1955 u 1958. Din li ġejja hija lista tat-titli li bihom hija ħadet sehem u l-premjijiet li rnexxielha tikseb:

| | | |
|---|---|---|
| 1955 | Sajda minn Fekruna | L-Ewwel Premju |
| 1956 | *Silkworms and Butterflies on Parade* | It-Tieni Premju |
| 1957 | *Men Outside the Sphere* | It-Tielet Premju |
| 1958 | *Satellites Galore* | L-Ewwel Premju[19] |

FTIT FUQ SPUTNIK: Minn dil-lista t' hawn fuq wieħed malajr jinnota li tnejn minnhom (1957 u 1958) kellhom bħala suġġett it-tema marbuta mal-ispazju. Dak iż-żmien kien hawn *craze* kbira fuq affarijiet li għandhom x'jaqsmu miegħu. Tiftakruh il-pitazz tal-iskola li kien iġib l-isem ta' Sputnik[20] fuq il-qoxra tiegħu? Anke Angelo Pullicino kien kiteb marċ u semmieh 'Sputnik'! Ir-Russi fil-fatt kienu llanċjaw il-programm spazjali 'Sputnik' fl-1957, bl-ewwel satellita artifiċjali tiġi varata fl-orbitu nhar l-4 ta' Ottubru. Xahar wara kienu varaw vettura għall-ivvjaġġar fl-ispazju bl-isem ta' 'Sputnik 2' u li fuqha kienet iġġorr l-ewwel annimal ħaj – il-kelb Laika! 'Sputnik 3', sattellita għar-riċerka, kienet varata fil-15 ta' Mejju 1958. L-ewwel oġġett magħmul mill-bniedem li laħaq wiċċ il-qamar kienet il-missjoni Luna 2, dak iż-żmien tal-Unjoni Sovjetika, fit-13 ta' Settembru 1959.




KONKLUŻJONI: Intant, kif wieħed jista' jinnota, l-ismijiet tal-erba' marċi grotteski li għandna f'idejna jidher li m'għandhom xejn x'jaqsmu mat-tip ta' titli li kienu jingħataw mill-Banda Queen Victoria fil-50ijiet. Jista' jkun li dawn il-marċi ngħataw mill-kompożitur innifsu biex jindaqqu minn dil-Banda fis-snin li kienet tieħu sehem fl-isfilata tal-Karnival ġewwa l-belt Valletta. Nafu li l-ħbiberija ta' bejn Anġlu Pullicino u l-Banda kienet ilha għaddejja tant li laħqet il-qofol tagħha bil-kitba tal-Innu Reġina tal-Karmelu fl-1959. Għall-kuntrarju, meta wieħed iqabbel l-istess ismijiet mat-titli li kienu jingħataw mill-Banda Karkariża, speċjalment ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, isib li ċerti titli jixxiebhu ħafna, jew li hemm talanqas affinità bejniethom, bħal ngħidu aħna 'Cocks on Parade' (1936) u 'Fools on Parade' – it-tnejn fl-ilsien Ingliż, jonkella 'Għad-Daqq tad-Dickie Ducks' (1934), fejn hawn ukoll għandna rabta bejn dat-titlu u dak ta' 'Ċafċaflu Papru'. 'Karatwila Blues' ukoll seta' kien b'xi mod ispirat mit-tema karnivaleska, 'Għall-Wirja tal-Imnarja' (1953). B'dan il-mod wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li dal-marċi jafu l-bidu tagħhom qabel faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, u jista' jkun ukoll li nkitbu għall-Banda Karkariża. Dit-teorija tista' tkompla tissaħħaħ meta wieħed jinnota li: (a) it-temi magħżulin huma meħudin mir-repertorju klassiku (bħal ngħidu aħna, opra jew operetta), jew xi diska ta' qabel jew żmien il-gwerra, u (b) l-instrumentazzjoni kienet għadha, fuq in-naħa l-waħda tinkludi strumenti li m'għadhomx jintużaw illum-il ġurnata bħalma huma, l-*Clarone*, *Trombone Cantabile* u *Trombone d'Acc.* (it-tnejn miktubin fil-kjavi tal-vjolin) u l-*Bombardone*, u fuq n-naħa l-oħra ma tinkludix strumenti tal-injam bħal mhuma l-flawt u/jew l-ottavin, il-klarinett kontralt u baxx, il-familja tas-sassofoni u l-flikorni, fosthom il-kontralt (*Althorn*), it-tenur (Ewfonju), u l-baxx kif nafuh illum. Jekk hemm xi partijiet minn dawn l-istrumenti li għadna kif semmejna żgur li ġew miżjudin ħafna wara li oriġinat il-kitba ta' dawn il-marċi grotteski.

ANALIŻI: Niġu issa għall-analiżi. Kif għedt tajjeb aktar qabel, jiena ser nillimita ruħi għall-ewwel sett ta' erba' marċi ta' dat-tip li jinsabu fl-arkivju tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria (f'dan l-artiklu

---

[19] *Idem.* Pġ. 71.

[20] Kelma bl-ilsien russu li tfisser 'kumpann' jew 'satellita' u huwa l-isem uffiċjali li ngħata lit-tliet vetturi għall-ivvjaġġar fl-ispazju taħt il-programm Sovjetiku spazjali.

ser nibda nirreferi għalih bħala **AQV** = Arkivju Queen Victoria) u li fotokopja tagħhom ġentilment ngħatatli minn Mauro Farrugia biex stajt nagħmel dil-analiżi li ġejja. Fl-arkivju personali tiegħi (f'dan l-artiklu ser nibda nirreferi għalih bħala **AMP** = Arkivju Manoel Pirotta) jien ukoll għandi fil-pussess tiegħi parti minn dan l-istess sett ta' erba' marċi grotteski, imma peress li kelli ħafna mill-partijiet neqsin ma setax jkolli stampa ċara u sħiħa tagħhom. Jerġa', marċi nru. 1 u 2 qedin set ta' tnejn għalihom, filwaqt li *Karatwila Blues* qed marċ għalih waħdu. Fil-każ ta' *Fools on Parade* ma kelli xejn tiegħu. Intant, hawn taħt hija lista[21] t' ismijiet, bl-indiċi alfabetiku kif mogħti fl-AQV u dak nnumrat kif imniżżel fl-AMP - mela, A = No. 1 u Ċ = No. 2:

| | | | |
|---|---|---|---|
| A | = | N$^{o.}$ 1 | Għaffiġlu |
| B | = | | Karatwila Blues (jew Aqlilu) |
| Ċ | = | N$^{o.}$ 2 | Cafcaflu Papru |
| D | = | | *Fools on Parade* |

FORMA: F'dik li hija forma mbagħad, għalkemm fihom aktarx tinżamm l-iskema bażika, jiġifieri ABĊ(=Triju) u bit-taqsimiet kollha replikati, fihom insibu żewġ temi (motivi) imġonġijin flimkien, u li għaldaqstant aktar jagħtuna forma mħallta bejn marċ tradizzjonali malti u *pot-pourri*[22] - tip ta' forma mużikali mibnija fuq struttura ABĊDEF, l-istess bħal *Medley*, *pasticcio*[23], *collage* jew, ximindaqqiet, *fantasia*. Dil-forma tintuża l-aktar għal dik it-tip ta' mużika leġġiera, mhux frattarjuża u popolari. Hija forma ta' arranġament fejn it-taqsimiet individwali sempliċiment jitqiegħdu wara xulxin bla ebda konnessjoni jew relazzjoni bejniethom.

STRUMENTAZZJONI: It-tabelli t' hawn taħt turi l-istrumentazzjoni[24] li fiha nkitbu dawn l-erba' marċi grotteski:

| AQV | AMP | | Rimarki |
|---|---|---|---|
| | Marċi Nru. 1 u 2 | Karatwila Blues | |
| | | | |
| Quartino in Mi*b* | Saksafon Mi*b* | | Idoqqu l-istess parti |
| Clarino I$^{o.}$ in Si*b* | Clarino I$^{o.}$ in Si*b* | | |
| Clarino II$^{o.}$ in Si*b* | | | |
| Clarone (Sax Tenore) [(a)] | | | |
| | Saxophone in Do [(g)] | | |
| Corni I$^{o.}$ in Mi*b* | | Corni I$^{o.}$ in Mi*b* | |
| Corni II$^{o.}$ in Mi*b* | Corni II$^{o.}$ in Mi*b* | Corni II$^{o.}$ in Mi*b* | |
| Corni III$^{o.}$ in Mi*b* | | Corni III$^{o.}$ in Mi*b* | |
| Cornetta I$^{o.}$ in Si*b* | | Cornetta I$^{o.}$ in Si*b* | |
| Cornetta II$^{o.}$ in Si*b* | | Cornetta II$^{o.}$ in Si*b* | |

[21] Bi żvista, fil-lista ta' Għanjiet Karnivaleski f'Appendiċi X f'pġ. 286 miġbura minn Alfred Camilleri fil-ktieb tiegħu 'Ġrajjiet is-Soċjetà Karmelitana u Banda Queen Victoria Żurrieq' (Bestprint Co. Ltd., Qrendi – 2006) ma' jġibx ukoll dawk il-marċi grotteski li ħarġu mill-pinna tas-Surmast Angelo Pullicino.

[22] Terminu li beda jintuża mill-pubblikatur franċiż Christophe Ballard (1641-1715) meta ġie biex jippubblika ġabra ta' xogħlijiet fl-1711. Fis-seklu 18 dan it-terminu kien jintuża fi Franza għall-kollezzjonijiet ta' għanjiet li, b'rabta tematika bejniethom, kienu ximindaqqiet isurlhom preżentazzjoni fuq il-palk. Aktar tard, dan l-istess terminu beda jintuża wkoll għall-kollezzjonijiet strumentali, bħal ngħidu aħna, il-*Potpourry Français*, ġabra ta' żifniet oriġinali li mhux bilfors għandhom x'jaqsmu ma' xulxin, maħruġin mill-pubblikatur Bouïn. Il-Pot-Pourri saru popolari l-aktar fis-seklu 19. L-overturi għall-opri franċiżi, ngħidu aħna, ta' François-Adrien Boïeldieu (1775–1834), Daniel Auber (1782–1871) and Ferdinand Hérold (1791–1833), jew tal-kompożitur ingliż Arthur Sullivan (1842–1900) huma ta' dat-tip. Richard Strauss ukoll niżżel l-overtura għall-opra tiegħu *Die schweigsame Frau* (Il-Mara Siekta) bħala pot-pourri. Fil-fatt, l-overturi ta' xogħlijiet moderni għall-palk bħalma huma l-operetti wil-*musicals*, aktarx li dejjem ikunu miktubin fil-forma pot-pourri billi jużaw arji mix-xogħol in kwestjoni.

[23] Kelma bit-taljan li tfisser torta – jekk hux tal-laħam jew tal-frott ma nafx. Hija tip ta' għodda mużikali komuni ħafna fl-opri tas-seklu 18 illi biha tagħżel u tikkompila bċejjeċ tal-mużika minn diversi kompożituri biex bihom tifforma xogħol sħiħ.

[24] Insibuh ħafna fl-opri tas-seklu 18. Mod kif tista' tagħżel u tikkompila siltiet mill-mużika ta' kompożituri differenti biex tifforma xogħol sħiħ.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Trombone Cantabile | | Trombone Solo | Cantabile = Solo |
| Trombone I$^{o.}$ d'Acc. | | Trombone 1$^{o.}$ | |
| Trombone II$^{o.}$ d'Acc. | Trombone II$^{o.}$ d'Acc. | | |
| Trombone III$^{o.}$ d'Acc. | | Trombone 3$^{zo.}$ | |
| Althorn in Si*b* [a] | | Baritono I$^{mo.}$ [d] | Althorn = Baritono |
| Euphonium [b] | | Eufonium I$^{mo.}$ | |
| | | Eufonium 2$^{do.}$ [f] | |
| Bombardone I$^{o.}$ [ċ] | | | |
| | Basso Mi*b*[ġ] | | |
| Tamburo | Tamburo | | |
| Gran Cassa e Piatti | Gran Cassa e Piatti | Gran Cassa[e] | |

Mit-tabella ta' hawn fuq wieħed josserva li:

[a] Il-partijiet ta' dawn l-istrumenti jidher li nħarġu wara l-oħrajn.
[b] Il-marċ *Fools on Parade* għandu mmarkat *Eufonium I$^{o.}$*, filwaqt li t-tliet marċi l-oħra għandhom imniżżel *Euphonium* biss.
[ċ] Hawn jista' jagħti x'wieħed jifhem li kienet teżisti wkoll parti għal *Bombardone II$^{o.}$* Illum-il ġurnata, il-Baxx (*Tuba*) ħa post il-Bumbardun – strument tar-ram goff li, meta jintlibes, jdur bħal serp mat-torso ta' bniedem, u li meta tonfoħ ġo fih, in-noti baxxi tiegħu joħorġu minn tromba daqsiex li tisporġa minn fuq ras min ikun qed idoqqu!
[d] L-istess jista' jingħad għall-parti tal-*Baritono I$^{mo.}$*. La l-ewfonji huma diviżi, wisq probabbli li kien hemm ukoll parti għal *Baritono II$^{do.}$* li tikkorrespondi mal-ewfonju sekond.
[e] Fil-parti mhemmx imniżżlin il-platti wkoll, imma wieħed jassumi li dawn jistgħu jdoqqu mal-istess ritmu tal-katuba.
[f] Il-parti għall-ewfonju sekond tinsab biss fil-marċ Karatwila Blues (AMP).
[ġ] Il-parti għall-*Basso in Mib* tinsab biss f'marċi nru. 1 u 2 (AMP)
[g] Il-parti għas-*Saxophone in Do* tinsab biss f'marċi nru. 1 u 2 (AMP)

Xi osservazzjonijiet oħra: Fil-każ tal-marċi AQV, għalkemm l-istrumentatura tinkludi 18-il parti, ma tinkludix partijiet għal Saxophone Alto. L-istess jista' jingħad għall-parti tal-*Althorn* u Ewfonju sekond. Parti għall-flawt (ottavin) ma teżistix fiż-żewġ settijiet rispettivi.

ĦARSA ĦAFIFA LEJN L-ERBA' MARĊI GROTTESKI:



**Għaffiġlu** (A = AQV - N$^{o.}$ 1 = AMP): Marċ żgħir ta' anqas minn mitt battuta. It-titlu hu ġej mill-fatt li għandek tagħqida sħiħa ta' temi differenti minn diversi xogħlijiet magħrufin, imma għax il-karnival, tematikament kollox jista' joqgħod flimkien! Għaldaqstant, ir-riżultat għandu aktar minn tagħfiġa milli tagħqida.

| Battuta | Taqsima |
|---|---|
| 01-08 | Introduzzjoni ta' tmien battuti. |
| 09-24[$25^1$] | L-ewwel replika fiha 16-il battuta u hija magħmula minn żewġ temi mgħaqqdin flimkien, i.e., b. 09-$16^1$ + b. $16^2$-24[$25^1$], fejn f'tal-ewwel, il-melodija hija aktar karatterizzata mill-kromi, filwaqt li tat-tieni mit-terzini tal-kromi. |
| $25^2$-53[$54^1$] | It-tieni replika fiha 28 battuta. Anke hawnhekk għandna żewġ temi distinti, bl-ewwel waħda meħuda mill-marċ |





trionfali tal-opra f'erba' atti ta' Giuseppe Verdi l-*Aïda* (b. $25^{2}$-$36^{1}$), segwita minn tieni tema (b. $36^{2}$-53[$54^{1}$]) li wkoll għandha l-karattru tagħha.

$54^{2}$-63 Passaġġ ta' qabel it-triju: Il-battuti huma meħudin mill-famuża *Can Can* (*Allegro*) mill-Overtura *Orpheus (in der) Underwelt* ta' Jacques Offenbach. Interessanti ngħidu hawnhekk, li dax-xogħol kien indaqq f'xi programm mill-Banda San Ġiljan (kif jixhdu dawn ir-ritratti) u li tiegħu Anġlu Pullicino kien għamel arranġament għall-banda. Ma jistax jonqos għalhekk, li hu kien midħla ta' dax-xogħol tant li minnu silet l-ewwel battuti.

64-89[91] It-Triju hu maqsum f'żewġ sentenzi daqsinsew ta' 12-il battuta l-waħda: (a) fl-ewwel sentenza għandna għanja tradizzjonali maltija magħrufa bħala *Il-Banda ta' Indrì.*[25] Din mhux l-ewwel darba li Pullicino jirrikorri għall-għana malti fil-mumenti mużikali l-aktar importanti. U meta wieħed iqis li t-triju huwa l-qofol ta' kull marċ, din tiegħu kienet l-għażla awtomatika u naturali peress li l-għana malti kien wisq għal qalbu; (b) it-tieni sentenza hija t-tkomplija ta' dak li ġie qabel, u li imma għandha aktar minn grupp kadenzjali milli ħaġ'oħra. Dan il-grupp jikkonsisti fi: I (x2) + V7 + I = 4 battuti ripetuti.



(Il-Banda ta' Indrì)



**(K)aratwila Blues** (B = AQV – bla numru = AMP). Hawn ser inġib defenizzjoni sħiħa tal-kelma skont kif jagħtiha l-miklem malti: *qara'* n.m.s., f. qargħa, pl. –t xorta ta' ħxejjex kultivati jagħmlu frott ta' diversi daqsijiet u għamliet jittieklu l-aktar fil-minestra.[26] Qaratwil, dak li aħna bl-ilsien ingliż insibuh bħala *trumpet gourds* jew *long marrows*, huwa nom maskil kollettiv, (fil-każ ta' waħda nżidulha l-a fit-tarf tal-kelma – mela qaratwila). Issa niġu għall-isem sħiħ tal-marċ. Dan huwa magħmul minn żewġ kelmiet, waħda bil-malti u l-oħra bl-ingliż – donnu li l-Malti minn dejjem kellu ħabta jitkellem nofsu b'ilsien pajjiżu u nofsu b'xi lsien ieħor barrani! Il-kelma *blues* għandha żewġ konnotazzjonijiet: tista' tkun tabilħaqq qed tirreferi għal dik it-tip ta' mużika li oriġinat mill-mużika folk tas-suwed li tiddeskrivi mod ta' ħajja iebsa, oppressiva u solitarja, imma tista' tkun qed tirreferi wkoll direttament għal dik il-persuna li għandha d-dwejjaq, qalbha sewda, jew depressa. Interessanti ngħidu wkoll, li fuq il-parti tal-*Clarone*/Sax Tenore dan l-istess marċ hemm imniżżel it-titlu 'Aqlilu'. Issa, jekk kienx il-kompożitur innifsu jew xiħadd ieħor li tah dan l-isem, wieħed ma jistax jgħid. (Fir-ritratt tidher il-parti tal-kurunetta $1^{ma.}$ [AMP] li ma ġġibx it-titlu tal-marċ.)

Tonalità = MI*b* Maġġuri

Battuta Taqsima

$01$-$08^{1}$ Introduzzjoni ta' 8 battuti tipika ta' Pullicino fi stil ta' fanfara.

$08^{2}$-40[$41^{1}$] L-ewwel replika: għalkemm l-elementi mużikali f'dit-taqsima għandhom mill-istess karattru f'dawk li huma valuri tan-noti fejn l-aktar li tispikka hija ċ-ċellola ritmika magħmula minn kroma + respir aspett + semikroma, fil-fatt hija tagħqida ta' żewġ temi differenti li għandhom minn xulxin, mela – b. $08^{2}$- $24^{1}$ u b. $24^{2}$-40[41].

[25] Ara paġna 107 mill-ktieb 'Maltese Oral Poetry and Folk Music' ta' Ġużè Cassar Pullicino u Charles Camilleri – Malta University Publishers Ltd. (1998). Indrì Borg, minn Ħaż-Żebbuġ, kien għaqqad l-ewwel banda formali li kienet tkun mistiedna ddoqq fil-festi, għat-tiġijiet, meta xiħadd jieħu l-lawrja, jew jilħaq qassis.

[26] Dizzjunarju Malti u teżawru ta' malti mħaddem miġbur minn Mario Serracino-Inglott.

$41^2$-73 It-tieni replika: fiha materjal tematiku biżżejjed biex jikkostitwixi tema jew aktar. Madankollu, battuti $57^2$-73 donnhom aktar jiffurmaw grupp kadenzjali milli ħaġ' oħra.

74-104 It-Triju jimmodula fis-Sotto-dominanti (IV). Wara introduzzjoni qasira ta' 4 battuti, imur mill-ewwel biex jippreżentalna għanja oħra maltija bħalma kellna fit-triju tal-marċ 'Għaffiġlu'. Dit-tema hija twila 17-il battuta (b. 78-94[96]) u tirreplika ruħha. It-triju jagħlaq b'kodetta (jew koda qasira) ta' tmien battuti, li jistgħu jkunu meħudin minn xi tema oħra, jew sempliċiment t-tkomplija tat-tema li ġiet qabilha.

**Ċafċaflu Papru** (Ċ = AQV – N$^{o.}$ 2 = AMP) – Dwar l-isem tal-marċ, bil-kelma ċafċif nifhmu xogħol nieqes mill-professjonalità. Ċafċaf tabilħaqq li tista' tfisser tfaqqa' l-ilma b'idejk jew tħabbat il-pali ta' idejk ma' wiċċ il-baħar, imma tista' tfisser ukoll tgħum ħażin. L-istess kelma tista' tfisser ukoll tgħaddieha jew ġġaħġaħha. Hemm imbagħad il-kelma marbuta mal-papri - *paprata*, bħal meta tkun għamilt xi ħmerija, tgħaffiġa jew xi froġa! Mela ċ-ċafċif u l-papri jmorru flimkien fil-veru sens tal-kelma! Ejja naraw jekk dawn il-kelmiet japplikawx għall-marċ li għandna f'idejna (L-istampa turi l-parti tas-*Saxophone in Do* [AMP] mingħajr it-titlu tal-marċ):



Tonalità = MI*b* Maġġuri

Battuta Taqsima

01-08 Introduzzjoni ta' tmien battuti meħuda mill-marċ trijonfali mill-opra f'erba' atti tal-Aïda ta' Giuseppe Verdi.

09-40[$41^1$] L-ewwel replika: Magħmula minn żewġ temi ta' 16-il battuta il-waħda (b. 09-24) u (b. 25-40[$41^1$]), iżda filwaqt li dik tal-ewwel hija kkaratterizzata mit-terzini tal-kromi, dik tat-tieni aktar tħaddem dawn iż-żewġ ċelloli ritmiċi li ġejjin: (a) semimina bil-punt + żewġ semikromi, u segwita minn (b) serje ta' kromi bil-punt + semikroma.

$41^2$-73[75] It-tieni replika ta' 32 battuta wkoll fiha żewġ taqsimiet u b'tema partikolari f'kull waħda – (b. $41^2$-56) u (b. 57-73[75]).

76-111 Triju: Interessanti l-fatt li t-tonalità hawn tiġbed lejn id-Dominanti (V) = Si*b* Maġġuri minfok is-soltu Sotto-dominanti (IV) = La*b* Maġġuri. Wara introduzzjoni ta' 4 battuti jiġi t-triju proprja. Anki hawn għandna 32 battuta replikati li jista' jinqasmu f'żewġ sentenzi ta' 16-il battuta l-waħda. It-tieni tema, jekk tista' tissejjaħ hekk, hija ffurmata minn żewġ gruppi kadenzjali ta' tmien battuti il-waħda.




***Fools on Parade***: (D = AQV – n/a = AMP). Marċ żgħir. Dwar l-isem tiegħu, wieħed ma jistax ma jinnotax li għandu titlu bl-Ingliż, u dan għal kuntrarju tat-tlieta li ġew qablu. Dan il-marċ għandu ħafna mill-Balluta March, mhux biss fejn tidħol l-introduzzjoni imma wkoll it-triju, liema tema hija meħuda mill-għanja tant popolari ta' *Lily Marlene*[27]. Fejn tidħol tifsila mbagħad, dan il-marċ huwa ffirmut minn: (a) introduzzjoni (FA minuri), (b) l-ewwel replika (Fa Maġġuri), (ċ) it-tieni replika (Si*b* Maġġuri), u (d) triju

[27] Diska ġermaniża t' imħabba li kisbet popolarità kbira matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-kliem tad-diska nkiteb fl-1915 waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija, u ġew ppubblikati fl-1937 taħt it-titlu *"Das Lied eines jungen Soldaten auf der Wacht"* (L-Għanja tas-Suldat Żagħżugħ fuq Għassa). Hi ġiet irrekordjata għall-ewwel darba minn Lale Andersen fl-1939 taħt it-titlu *"Das Mädchen unter der Laterne"* (It-Tfala taħt il-Fanal). Wara li n-Nazisti kienu ħadu lill-Jugoslavja fl-1941, ir-radju ta' Belgrad ħa l-isem ta' *Soldatensender Belgrad* biex seta' jallegra l-forzi tedeski; il-kanzunetta kienet tindaqq ta' spiss u saret popolari mal-Ewropa u l-Mediterran fost it-truppi kemm tal-Assi kif ukoll tal-Alleati.

(Mi*b* Maġġuri). Wieħed jinnota hawnhekk li, hemm ukoll esperementazzjoni żgħira f'dik li hija modulazzjoni f'tonalitajiet relatati bejn taqsima u oħra (Fir-ritratt: l-ewwel paġna tal-partitura ta' Balluta March):

Tonalità = FA Minuri

| Battuta | Taqsima |
|---|---|
| 01-16[1] | Introduzzjoni ta' 16-il battuta li tixbah ħafna lil tal-'Balluta March', mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' tul, imma wkoll minħabba l-karattru pjuttost militari tagħha. |
| 16[2]-32[33] | L-ewwel replika: Tonalità = FA Maġġuri. Fiha 16-il battuta replikati u tħaddan tema waħda. |
| 34-65 | It-tieni replika: Tonalità = Si*b* Maġġuri. Din it-taqsima fiha 32 battuta magħmula minn żewġ sentenzi ta' 16-il battuta l-waħda, bl-ewwel waħda (b. 34-49) tkun karatterizzata mill-element tas-sìnkope, filwaqt li tat-tieni (b. 50-65) tieħu mill-marċ tal-*Carmen*, opra f'erba' atti tal-kompożitur franċiż Georges Bizet, magħrufa aktar fostna l-Maltin bħala 'Bravu Ċirillu …' |
| 66-91[93] | Triju: Introduzzjoni qsajra ta' żewġ battuti segwita minn tema waħdanija ta' 24 battuta replikata ta' *Lily Marleen*. |

KONKLUŻJONI: U b'din il-ħarsa pjuttost twila u dettaljata lejn dan l-ewwel sett ta' erba' marċi grotteski mill-pinna tas-Surmast Angelo Pullicino, niġu fi tmiem din l-ewwel parti ta' dan l-artiklu 'marċi grotteski' mis-Sensiela Angelo Pullicino (1904-79). Fil-ħarġa tal-programm tas-sena d-dieħla ser inkun qed inlaqqagħkom mat-tieni sett ta' marċi grotteski fejn hemm jistennewna ħafna aktar sorpriżi.

Mro. Manoel Pirotta huwa s-Surmast Direttur Banda San Ġiljan A.D. 1927, li dis-sena qed jiċċelebra għeluq il-85 sena mit-twaqqif tagħha li matulhom tat sehmha b'mod sħiħ fl-iżvilupp tal-ħajja soċjali u kuluturali ta' dan ir-raħal marittmu. Għal dan il-għan, il-Kumitat ħejja programm sħiħ u sabiħ ta' attivitajiet mużikali u soċjali li ser ikunu mifruxin matul is-sena kollha. Iċ-ċelebrazzjonijiet ser jilħqu l-qofol tagħhom b'Kunċert Kbir tal-85 Sena fit-Teatru tas-Sacred Heart San Ġiljan taħt il-Patroċinju tal-President ta' Malta l-Eċċ. Tiegħu Dr. George Abela nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru, u Quddiesa ta' Ringrazzjament fil-Knisja Parrokkjali mill-Kappillan Fr. Claude Portelli l-għada s-Sibt 24 ta' Novembru.